



2026/1

6.2.2026

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/1

tal-1 ta' Diċembru 2025

li jemenda r-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-allokazzjonijiet tal-Istati Membri għall-pagamenti diretti u d-diżaggregazzjoni annwali skont l-Istat Membru tal-appoġġ tal-Unjoni għall-iżvilupp rurali

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jittfasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 87(2) u l-Artikolu 89(4) tiegħu,

Billi:

- (1) F'konformità mal-Artikolu 103(1), il-punt (a), mal-Artikolu 103(2) u mal-Artikolu 103(5) tar-Regolament (UE) 2021/2115, fil-Pjan Strateġiku tal-PAK tagħhom id-Danimarka, Franza u n-Netherlands iddeċidew li jirrieżaminaw il-perċentwal tal-allokazzjonijiet tagħhom għall-pagamenti diretti għas-sena kalendarja 2026 trasferiti għall-allokazzjonijiet tagħhom għall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR).
- (2) F'konformità mal-Artikolu 103(1), il-punt (b), mal-Artikolu 103(3) u mal-Artikolu 103(5) tar-Regolament (UE) 2021/2115, fil-Pjan Strateġiku tal-PAK tagħha s-Slovakkja ddeċidiet li tittrasferixxi perċentwal tal-allokazzjoni tagħha għall-FAEŻR fis-sena finanzjarja 2027 lill-allokazzjoni tagħha għall-pagamenti diretti.
- (3) F'konformità mal-Artikolu 88(6) u (7) tar-Regolament (UE) 2021/2115, iċ-Ċekja, Franza u s-Slovakkja ddeċidew fil-Pjan Strateġiku tal-PAK tagħhom li jirrieżaminaw il-perċentwal tal-allokazzjonijiet tagħhom għall-pagamenti diretti użati għal tipi ta' interventi f'setturi oħra msemmija fit-Titolu III, il-Kapitolu III, it-Taqsima 7, tar-Regolament (UE) 2021/2115 għas-snin kalendarji 2026 u 2027. Għalhekk, jenħtieġ li l-ammonti korrispondenti jitnaqqsu mill-allokazzjonijiet tagħhom għall-pagamenti diretti.
- (4) Sabiex jiġu riflessi dawk id-deċiżjonijiet, jeħtieġ li jiġu adattati l-allokazzjonijiet ta' dawk l-Istati Membri għall-pagamenti diretti stabbiliti fl-Annessi V u IX tar-Regolament (UE) 2021/2115, kif ukoll id-diżaggregazzjoni annwali skont l-Istat Membru tal-appoġġ tal-Unjoni għall-iżvilupp rurali stabbilit fl-Anness XI ta' dak ir-Regolament.
- (5) Għalhekk, jenħtieġ li l-Annessi V, IX u XI tar-Regolament (UE) 2021/2115 jiġu emendati kif xieraq.
- (6) Peress li l-emendi magħmula b'dan ir-Regolament jaffettwaw l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2021/2115 mill-1 ta' Jannar 2026, b'mod partikolari fir-rigward tat-tipi ta' intervent fil-forma ta' pagamenti diretti, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u jenħtieġ li japplika mill-1 ta' Jannar 2026,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Annessi V, IX u XI tar-Regolament (UE) 2021/2115 huma emendati f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

⁽¹⁾ ĠU L 435, 6.12.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/2115/oj>.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2026.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Diċembru 2025.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN

L-Annessi V, IX u XI tar-Regolament (UE) 2021/2115 huma emendati kif ġej:

- (1) fl-Anness V, ir-ringieli għaċ-Ċekja, għad-Danimarka, għal Franza, għan-Netherlands u għas-Slovakkja huma sostitwiti b'dan li ġej:

Sena kalendarja	2023	2024	2025	2026	2027 u s-snin sussegwenti
"Iċ-Ċekja	823 533 615	823 533 615	823 533 615	804 039 932	846 787 297"
"Id-Danimarka	806 313 404	817 524 179	814 937 077	720 879 884	862 367 277"
"Franza	6 736 440 037	6 718 840 037	6 710 740 037	6 806 340 037	7 257 300 537"
"In-Netherlands	609 237 340	579 591 503	550 477 666	571 282 629	717 382 327"
"Is-Slovakkja	394 892 166	397 751 933	400 605 131	445 252 732	403 010 501"

- (2) fl-Anness IX, ir-ringieli għaċ-Ċekja, għad-Danimarka, għal Franza, għan-Netherlands u għas-Slovakkja huma sostitwiti b'dan li ġej:

Sena kalendarja	2023	2024	2025	2026	2027 u s-snin sussegwenti
"Iċ-Ċekja	823 533 615	823 533 615	823 533 615	804 039 932	846 787 297"
"Id-Danimarka	806 313 404	817 524 179	814 937 077	720 879 884	862 367 277"
"Franza	6 736 440 037	6 718 840 037	6 710 740 037	6 806 340 037	7 257 300 537"
"In-Netherlands	609 237 340	579 591 503	550 477 666	571 282 629	717 382 327"
"Is-Slovakkja	399 892 166	402 751 933	405 605 131	450 252 732	403 010 501"

- (3) fl-Anness XI, ir-ringieli għad-Danimarka, għal Franza, għan-Netherlands u għas-Slovakkja, u r-ringieli tat-Total tal-EU-27 u tat-Total huma sostitwiti b'dan li ġej:

Sena	2023	2024	2025	2026	2027	Total tal-2023-2027
"Id-Danimarka	155 982 060	131 987 933	120 777 158	123 364 260	217 421 453	749 532 864"
"Franza	2 007 185 070	2 008 000 570	2 008 000 570	2 008 000 570	1 913 900 570	9 945 087 350"
"In-Netherlands	180 985 369	181 413 356	211 059 193	240 173 030	219 368 067	1 032 999 015"
"Is-Slovakkja	260 599 909	264 077 909	264 077 909	264 077 909	216 835 677	1 269 669 313"
"Total tal-EU-27	12 904 404 700	13 125 537 974	13 195 687 778	13 301 388 944	13 380 122 800	65 907 142 196"
"Total	12 934 676 920	13 155 810 194	13 225 959 998	13 331 661 164	13 410 395 020	66 058 503 296"